



Istruzzjonijiet biex tuża I-Europass Curriculum Vitae (<http://europass.cedefop.eu.int>)

Introduzzjoni

Il-kitba ta' Curriculum Vitae hu pass importanti fit-tfittxija ta' kull impjeg jew taħriġ. Is-CV f'ħafna ċirkostanzi hu l-ewwel kuntatt ma' min jista' għad iħaddmek. Is-CV għandu jiġbed immedjatament l-attenzjoni tal-qarrej u jindika għaliex għandek tingħata l-opportunita' li tattendi intervista.

Importanti! Min iħaddem ġeneralment ma jjeħux aktar minn minuta fuq kull CV meta jiġi biex jagħmel is-selezzjoni inizjali mill-applikazzjonijiet li jkun irċieva. Jekk tonqos li tħalli mpressjoni tajba, tkun qiegħed titef opportunita'.

Aqra l-informazzjoni li ġejja b'attenzjoni qabel ma ddaħħal id-detallji fit-*template*.

Rakkomandazzjonijiet Ġenerali

Qabel ma tibda tikteb il-Curriculum Vitae tiegħek, ftakar ftit prinċipji mportanti.

Ħu ħsieb il-preżentazzjoni tas-CV tiegħek

Ippreżenta l-kwalifiki, ħiliet u kompetenzi tiegħek b'mod ċar u loġiku, sabiex l-attributi speċifiċi tiegħek jidhru faċilment.

Agħti l-attenzjoni mistħoqqa lil kull dettal rilevanti, kemm jekk ta' sustanza kif ukoll ta' preżentazzjoni, m'hemm l-ebda skuża għal żbalji ta' ortografija u ta' punteġġatura.

Ikkonċentra fuq l-essenzjali

- CV għandu jkun konċiż : f'ħafna każi, żewġ paġni huma biżżejjed biex turi min int u x'int. CV ta' tliet paġni għandu mnejn jidher twil ħafna f'ċerti pajjiżi, anke jekk l-esperjenza tiegħek ta' xogħol hi kbira.
- jekk l-esperjenza tiegħek ta' xogħol għadha limitata (għax għadek kemm ħallejt l-iskola jew l-universita'), iddeskrivi l-edukazzjoni u t-taħriġ tiegħek l-ewwel; agħti prominenza lill-postijiet ta' xogħol li kellek matul it-taħriġ (ara eżempji online);
- ikkonċentra fuq informazzjoni essenzjali li żżid mal-valur ta' l-applikazzjoni tiegħek: esperjenza fuq ix-xogħol jew taħriġ li ilek li ksibt u li mhux rilevanti għall-applikazzjoni, tista' titħalla barra.

Addatta s-CV tiegħek skond l-impjeg għalih qiegħed tapplika

Kull meta trid tibgħat is-CV tiegħek lill-proprietarju ta' azjenda, iċċekkja s-CV tiegħek sistematikament biex tara tikkonformax mal-profil meħtieġ; enfassizza l-vantaġġi tiegħek skond ir-rekwiżiti speċifiċi ta' min ser iħaddmek. Għarfien tajjeb tan-negozju jgħinek tfassal is-CV tiegħek għal dak il-profil addattat.

Ħu ħsieb: iżżid is-CV tiegħek b'mod artifiċjali; jekk tagħmel hekk, aktarx li tinqabad waqt l-intervista.

Żomm ma' l-istruttura tal-mudell

Il-Europass *curriculum vitae* jippermettilek turi l-kwalifiki, ħiliet u kompetenzi tiegħek b'mod loġiku:

- informazzjoni personali;
- deskrizzjoni ta' l-esperjenza ta' xogħol li għandek;
- deskrizzjoni ta' l-edukazzjoni u taħriġ tiegħek (li jista' jidher qabel it-titlu 'Esperjenza ta' xogħol' għal dawk b'esperjenza limitata; biex taqleb l-ordni taż-żewġ titli, uża l-kmand 'copy/paste' fil-word processing software);
- Elenku dettaljat tal-ħiliet u kompetenzi tiegħek, miksuba waqt it-taħriġ, xogħol u ħajja ta' kuljum tiegħek.

Notamenti:

- stampa l-Curriculum Vitae tiegħek fuq karta bajda;
- żomm il-font u format suġġeriti;
- evita li tikteb sentenzi sħaħ b'ittri kbar jew skur. Dan jaffettwa l-qari tad-dokument.;
- taqsamx inserzjoni taħt titlu wieħed fuq żewġ paġni (eżempju l-lista ta' korsijiet ta' taħriġ tiegħek) – biex tevita dan użu l-'page break' command fil-word processing software;
- il-kaxxi li fihom titli varji m'għandhomx jidhru meta dokument ikun stampat.

Kun ċar u konċiż

Il-profil tiegħek għandu jkun apprezzat minn min jista` jgħaddmek wara biss ftit sekondi li jkun qraħ. Għal dan il-għan:

- uża sentenzi qosra;
- ikkonċentra fuq l-aspetti rilevanti ta` l-esperjenza ta' xogħol u taħriġ tiegħek;
- agħti spjegazzjoni għal xi waqfien fl-istudji jew fil-karriera tiegħek;
- neħħi t-titli minn dawġ li timla' jekk trid fil-każ li dawn ma jgħoddux għalik (eżempju jekk m' għandekx ħiliet u kompetenzi artistiki (ara paġna tnejn tal-mudell) jew jekk taħseb li dawn il-ħiliet u kompetenzi ma jgħibux valur miżjud għall-applikazzjoni tiegħek neħħi l-inserzjonijiet kollha billi tuża l-cut command fil-word processing software.)

Itlob lil xi ħadd jaqra s-CV tiegħek meta jkun lest

La darba tkun imlejt is-CV iċċekja bil-galbu biex tassigura li jkun msawwar b'mod ċar u loġiku.

Flu ħsieb li xi ħadd ieħor jaqra s-CV tiegħek biex tkun żgur li l-kontenut hu ċar u faċli li jinftiehem.



Istruzzjonijiet dettaljati kif tuża l-Europass Curriculum Vitae (<http://europass.cedefop.eu.int>)

Kif għandek tabbozza l-Europass Curriculum Vitae tiegħek?

I. Uża l-online interface jew iddawnlowdja s-CV template

Tista` jew

a) tuża l-online interface disponibbli fuq is-sit tal-Europass websajt. (<http://europass.cedefop.eu.int>). Is-CV tiegħek jista` mbagħad jiġi ssejvjat fid-direttorju ta' l-għażla tiegħek :

jew

b) iddawnlowdja s-CV *template* fil-lingwa li tagħżel int minn fuq l-istess sit u ssejvja fuq il-*hard disk* tal-kompjuter tiegħek; wara imla t-titli varji fil-kolonna tal-lemin u daħħal l-informazzjoni personali tiegħek.

Jekk għandek bżonn għajnuna, irreferi għall-kampjun tas-CV fuq <http://europass.cedefop.eu.int>

II. Imla s-sezzjonijiet differenti kif ġej:

Importanti:

- Tibdilx il-kliem fil-kolonna tax-xellug;
- Żomm il-format u l-font użat fit-template.



Europass curriculum vitae

Waħħal ritratt jekk tkun mitlub

Notamenti:

- ritratt mhux essenzjali f'CV, għajr meta jkun mitlub minn min iħaddem
- Preferibbilment il-format għandu jkun jpg.

Informazzjoni Personali

Kunjom / Isem ((ismijiet)
(ħalli barra jekk mhux rilevanti)

Ikteb kunjomok (preferibbilment uża kapitali żgħar) u l-ewwel isem (ismijiet)
(preferibbilment uża 'lower case'), per eżempju:

BARTOLO, John Paul

b'konformita` mar-regoli li japplikaw f'pajjiżek.

Notamenti: Jekk għandek aktar minn isem wieħed, ibda b'dak li normalment tuża.

Indirizz/i

Ikteb l-indirizz postali sħiħ, fejn tixtieq li tiġi kkuntattjat, per eżempju:

14 Triq il-Katina, Hamrun, HMR 07

Notamenti:

- indika b'mod ċar l-indirizz li fih tista' tkun ikkuntattjat malajr. Jekk l-indirizz permanenti hu differenti minn dak li fih qiegħed tgħix fil-preżent, tista' tikteb iż-żewġ indirizzi;
- l-ordni li fih jinkiteb l-indirizz jista' jvarja minn pajjiż għall-ieħor; segwi ir-regoli li japplikaw sabiex tirċievi l-posta malajr; jekk qiegħed tapplika barra l-pajjiż tinsix il-kodiċi tal-pajjiż (ara l-kampjun CV);
- fil-każ ta' l-Irlanda, ir-Renju Unit u l-Olanda, l-isem tal-pajjiż irid jinkiteb sħiħ:

Dublin 2

Ireland

...

London SW1P 3AT

United Kingdom

...

2500 EA Den Haag

Nederland

Għal aktar dettalji kkonsulta ma` l-Interinstitutional Style Guide, li hu disponibbli fuq is-sit:

<http://publications.europa.eu/code/en/en-370103.htm>

Esperjenza ta' xogħol

Taħt dan it-titlu agħti nformazzjoni separata għal kull impjieg rilevanti li kont tokkupa **u ibda bl- aktar wieħed reċenti.**

Notamenti:

- jekk qiegħed tapplika għall-ewwel impjieg tinsieix isemmi l-postijiet ta' taħriġ fix-xogħol li jipprovdu evidenza ta' l-ewwel kuntatti mad-dinja tax-xogħol;
- jekk l-esperjenza tiegħek ta' xogħol għadha limitata (għax għadek kemm ħallejt l-iskola jew universita`), iddeskrivi l-edukazzjoni u t-taħriġ tiegħek l-ewwel (biex taqleb l-ordni taż-żewġ titli, uża l-kmand copy/paste fil-word processing software). Agħti prominenza lill-postijiet tax-xogħol li kellek matul it-taħriġ (ara eżempju [online](#));
- Għal l-iskop ta' qosor iffoka fuq dik l-esperjenza ta' xogħol li tagħti valur miżjud lill-applikazzjoni tiegħek. Tħallix barra esperjenza ta' xogħol li tista' tkun ta' valur anke jekk mhux relatata direttament mal-profil ta' l-impjieg li għalih qiegħed tapplika (eżempju: iż-żmien li kont imsiefer, xogħol li gābek f'kuntatt mal-pubbliku, eċċ.);
- Irriproduċi t-tabella (uża l-kmand copy/paste fil-word processing software) kemm-il darba jkun hemm bżonn. Biex tneħħi titlu, uża "t-table commands" menu fil-word processing software.

Dati	Ikteb id-dati sabiex turi għal kemm żmien kellek dak l-impjieg, eżempju: Minn Marzu 1994 sa Diċembru 1999
Impjieg jew pożizzjoni li kellek/għandek	Indika t-titlu ta' l-impjieg jew it-tip ta' xogħol tiegħek, eżempju: Mekkanik tal-vetturi, receptionist
L-Attivitajiet u responsabbiltajiet prinċipali	Indika l-attivitajiet u r-responsabbiltajiet prinċipali tiegħek, eżempju: Manutenzjoni tal-kompjuters jew Relazzjonijiet ma' min jissupplixxi jew manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u ġonna oħrajn Jekk hu neċessarju kkwantifika r-responsabbiltajiet tiegħek (perċentaġġ ta' ħin tax-xogħol, tul ta' ħin li għamilt f'kull biċċa xogħol eċċ.).
Isem u indirizz ta' min iħaddem	Ikteb l-isem u l-indirizz ta' min iħaddem, eżempju: Anderson and Dobbs Ltd., 12 Highland Road, Edinburgh EH3 4AB, United Kingdom Nota: Jekk rilevanti żid aktar informazzjoni (telefon, faks, e-mail jew l-indirizz ta' l-internet, eżempju: Tel.: (44-31) 123 45 67 - Fax (44-31) 123 45 68 - E-mail: J.Robinson@andes.co.uk ; Websajt: http://www.anderdobbs.co.uk
Tip ta' negozju jew settur	Niżżel it-tip ta' negozju jew settur ta' min iħaddem, eżempju: Trasport u loġistika jew Awditjar jew manifattur ta' partijiet ta' vettura

Edukazzjoni u taħriġ

Taħt dan it-titlu agħti nformazzjoni separata għal kull kors rilevanti li temmejt; jiġifieri kull kors li jwassal għall-kwalifika u **ibda bl-aktar wieħed reċenti**.

Notamenti:

- jekk l-esperjenza tiegħek ta' xogħol għadha limitata (għax għadek kemm ħallejt l-iskola jew l-universita`) iddeskrivi l-edukazzjoni u t-taħriġ l-ewwel (biex taqleb l-ordni taż-żewġ titli, uża l-kmand copy/paste fil-word processing software);
- m'hemmx għalfejn turi l-kwalifiki tiegħek kollha: tmurx lura sal-primarja jekk tipposjedi lawrja universitarja; iffoka fuq il-kwalifiki li jkunu ta' valur għall-applikazzjoni;
- irriproduci t-tabella (uża l-kmand copy/paste fil-word processing software) kemm-il darba jkun hemm bżonn. Biex tneħħi titlu, uża "t-Table commands" menu fil-word processing software tiegħek.

Dati	Ikteb id-dati biex turi kemm kien twil il-kors indikat, eżempju: Minn Settembru 1994 sa Ġunju 1998
Titlu tal-kwalifika miksuba	Ikteb it-titlu eżatt tal-kwalifika miksuba, eżempju: National Vocational Qualification (NVQ) it-tieni livell: xogħol ta' furnar Nota: evita li tuża abbrevjazzjonijiet biss (eżempju: NVQ).
Suġġetti prinċipali/ ħiliet ta' xogħol miksuba	Igħor fil-qosor is-suġġetti prinċipali jew ħiliet ta' xogħol mgħallma matul il-kors, igħorhom flimkien jekk hu bżonjuż għal skop ta' qosor: Ġenerali - Lingwa Ngliża, Lingwa Ċeltika, matematika, lingwa barranija (Spanjol) - Edukazzjoni fiżika u sports Xogħol - teknika tax-xogħol (manifattura ta' ħobż, ħobż fancy, kejks u pastri) - xjenza li għandha x'taqsam ma' l-ikel u tagħmir relatat(mikrobijoloġija, bijokimika, iġjene) - teknoloġija tax-xogħol (prinċipji bażiċi, iġjene u sigurtà) - konnoxxenza tan-negozju u l-aspetti ekonomiċi, legali u soċjali tiegħu. Nota: agħqqad din l-informazzjoni u ffoka fuq dawk il-ħiliet ta' xogħol li jkunu ta' valur jekk tikseb impjieg.
Isem u tip ta' organizzazzjoni li tippovdi l-edukazzjoni u t-taħriġ	Ikteb isem (u jekk hemm għalfejn l-indirizz) u tip ta' istituzzjoni li attendejt, eżempju: South Wales Technical College Glamorgan Place Cardiff CF1 2AB
Klassifikazzjoni tal-livell nazzjonali / internazzjonali (ħalli barra jekk mhux rilevanti)	Jekk il-livell tal-kwalifika jikkorrispondi ma' xi klassifikazzjoni nazzjonali jew internazzjonali, kteb il-livell fil-klassifikazzjoni kkonċernata (klassifikazzjoni nazzjonali, ISCED, eċċ.). Jekk hemm bżonn, staqsi lill-awtorita` li ħarġet din il-kwalifika. Għall-aktar informazzjoni fuq l-ISCED (International Standard Classification of Education) li huwa pproġettat mill-UNESCO, ikkonsulta: http://www.uis.unesco.org/Library/Documents/isced97-en.pdf

Ħiliet u l-kompetenzi personali

Din il-paġna hija ddedikata għall-ħiliet u l-kompetenzi miksuba matul il-ħajja u l-karriera imma mhux neċessarjament koperti minn ċertifikati u diplomi formali. Fi kliem ieħor, hi ntizza biex tagħti stampa kompleta tal-ħiliet u l-kompetenzi tiegħek. It-titli hawn taħt (lingwistiċi, soċjali, organiżżattivi tekniċi, fl-użu tal-kompjuter, artistiki u ħiliet u kompetenzi oħra) ituk l-opportunita` biex tiddeskrivi l-ħiliet u l-kompetenzi li ksibt kemm tul iż-żmien li għamilt fl-edukazzjoni u t-taħriġ (matul l-istudji tiegħek), waqt seminars jew sezzjonijiet ta' taħriġ imtawwal u f'mod mhux formali (waqt l-attivitajiet fil-ħin ħieles tiegħek).

Notamenti ġenerali: Ħalli barra dawk it-titli li dwarhom m'għandek xejn rilevanti x'tikteb, billi tuża l-"cut" command menu fil-word processing software tiegħek.

Ilsien/ilsna nattivi(i)	Iddikjara x'inhum/huma l-ilsien/ilsna nattivi(i) tiegħek, eżempju: Ingliż									
Lingwa (i) oħra (ħalli barra jekk mhux rilevanti)	Nota: Ikteb fis-sezzjoni t'hawn taħt il-ħiliet u l-kompetenzi fil-lingwi barranin. Uża l-iskala ta' valutazzjoni personali li ġiet żviluppata mill-Kunsill ta' l-Ewropa biex tgħin lin-nies fl-awtoassessjar tal-livell ta' profiċjenza, fil-fehim, fit-taħdit u fil-kitba tal-lingwa barranija (ara l-istruzzjonijiet taħt it-titlu).									
Awtoassessjar Livell Ewropew (*)	Fehim				Taħdit				Kitba	
	Smigħ		Qari		Taħdit Interattiv		Taħdit Produttiv			
Spanjol	(C1)	Użu profiċjenti	B2	Użu indipendenti	(A2)	Użu bażiku	(B1)	Użu indipendenti	(B2)	Użu indipendenti
Franċiż	(B1)	Użu indipendenti	B2	Użu indipendenti	(A2)	Użu bażiku	(A2)	Użu bażiku	(A2)	Użu bażiku

(*) Qafas Komuni Ewropew għal-lingwi

Istruzzjonijiet kif tuża l-grid għall-awtoassessjar personali

Il-grid għall-awtoassessjar li hu bbażat fuq skala ta' sitt livelli ta' Qafas Komuni Ewropew ta' riferenza għall-Lingwi li kien żviluppata mill-Kunsill ta' l-Ewropa.

Il-grid tikkonsisti fi tliet livelli, kif jidher hawn taħt:

- Użu bażiku (Livell A1 u A2);
- Użu indipendenti (Livell B1 u B2);
- Użu profiċjenti (Livell C1 u C2).

Biex t'awtotassessja l-livell tiegħek f'lingwa barranija aqra d-deskrizzjonijiet kif jidher hawn taħt u ikteb il-livell rilevanti (eżempju: livell ta' profiċjenza - C 2) fil-kaxxa adegwata tas-CV tiegħek (Smigħ, Qari, Taħdit interattiv, Taħdit produttiv u Kitba).

Fehim

Smigħ

- A 1:** Kapaċi nifhem kliem familjari u xi frażijiet bażiċi fuq nnifsi, fuq il-familja tiegħi u fuq l-ambjent ta' madwari meta n-nies jitmellmu bil-mod u ċar.
- A 2:** Kapaċi nifhem frażijiet u li jintużaw ta' spiss u li huma relatati ma esperjenzi personali li jolqtu fil-qrib il-familja (eż informazzjoni bażika ħafna dwari, ix-xiri, l-ambjent ta' madwari u l-impjeggi). Kapaċi nifhem il-punt prinċipali f'messaġġi u avviżi qosra, ċari u sempliċi.
- B 1:** Kapaċi nifhem il-punti ewlenin ta' taħdit ċar dwar temi familjari li niltaqgħu magħhom regolarment fix-xogħol, fl-iskola, waqt il-ħin liberu eċċ. Kapaċi nifhem il-punt ewlieni ta' programmi ta' ġrajjet kurrenti fuq ir-radju u t-televiżjoni jew temi ta' interess personali u professjonali meta d-diskors isir bil-mod u ċar.
- B 2:** Kapaċi nifhem taħdidiet u 'lectures' twal u nifhem ukoll argumenti kumplessi sakemm it-tema tkun waħda familjari. Kapaċi nifhem il-biċċa l-kbira ta' l-aħbarijiet u programmi ta' ġrajjet kurrenti fuq it-televiżjoni. Kapaċi nifhem il-biċċa l-kbira ta' films bil-lingwa 'standard'.
- C 1:** Kapaċi nifhem taħditiet twal anke meta l-istruttura tas-sentenza ma tkunx ċara u meta r-relazzjonijiet ikunu biss implikati u ma jkunux spjegati b'mod ċar. Kapaċi nifhem programmi tat-televiżjoni u films mingħajr sforz żejjed.
- C 2:** Ma nsib l-ebda diffikultà biex nifhem kull lingwa mitkellma sew jekk tkun diretta jew imxandra, anke jekk mitkellma bħala lingwa nattiva b'mod mgħaġġel sakemm ikollo f'tit taż-żmien biex nidra l-aċċent.

Quari

- A 1:** Kapaċi nifhem ismijiet u kliem familjari u sentenzi sempliċi ħafna bħal f'avviżi, f'kartelluni jew f'katalgi.
- A 2:** Kapaċi naqra testi qosra ħafna u sempliċi. Kapaċi nsib informazzjoni speċifika u li tista' tobsorha f'publikazzjonijiet sempliċi u ta' kuljum bħal f'reklami, prospetti, menus, u timetables u nista' nifhem ittri qosra, sempliċi u personali.
- B 1:** Kapaċi nifhem testi li jikkonsistu prinċipalment f'lingwaġġ użat ta' spiss u ta' kuljum jew li għandu x'jaqsam ma' xogħol. Kapaċi nifhem id-deskrizzjoni ta' avvenimenti, ħsus u xewqat f'ittri personali.
- B 2:** Kapaċi naqra artikli u rapporti li għandhom x'jaqsmu ma' problemi attwali li fihom il-kittieba jaddottaw attitudnijiet jew opinjonijiet partikulari. Kapaċi nifhem proża letterarja kontemporanja.
- C 1:** Kapaċi nifhem testi twal, kumplessi, fattwali u letterarji u napprezza d-diversità fl-istil. Kapaċi nifhem artikli speċjalizzati u struzzjonijiet tekniċi twal anke meta dawn m'għandhomx x'jaqsmu mal-linja tiegħi.
- C 2:** Kapaċi naqra faċilment kull forma tal-lingwa mitkellma nkluż testi astratti u kumplessi fl-istruttura u fil-lingwa bħal f'manwali, artikli speċjalizzati u xogħlijiet letterarji.

Taħdit

Taħdit Interattiv

- A 1:** Kapaċi nikkomunika b'mod sempliċi sakemm il-persuna l-oħra hija lesta li tirrepeti jew tbiddel il-kliem u titkellem b'mod inqas mgħaġġel u tgħinni ngħid dak li nkun qiegħed nipprova ngħid. Kapaċi nistaqsi u nwieġeb mistoqsijiet sempliċi fir-rigward ta' bżonnijiet immedjati jew suġġetti familjari ħafna.
- A 2:** Kapaċi nikkomunika b'xogħlijiet sempliċi u ta' rutina li jesigū bdil ta' nformazzjoni sempliċi u diretta dwar suġġetti u attivitajiet familjari. Kapaċi nagħmel diskors qasir ħafna u soċjali iżda normalment ma nifhimx biżżejjed biex inżomm konverżazzjoni.
- B 1:** Kapaċi niffaċċja ħafna sitwazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu waqt vjaġġ f'post fejn il-lingwa tal-post hi mitkellma u nidħol mhux ippreparat f'konverżazzjoni fuq temi familjari ta' interess personali jew pertinenti fil-ħajja ta' kuljum. (eż. familja, passatempi, xogħol, vjaġġar u ġrajjet kurrenti).

- B 2:** Kapaċi nikkomunika b'mod spontanju li tgħinni nikkomunika man-nies tal-lokal. Kapaċi nieħu parti attiva f'diskussjoni f'kuntest familjari u nsostni u nispijega l-opinjoni tiegħi.
- C 1:** Kapaċi nesprimi ruħi b'mod mexxej u spontanju mingħajr ħafna tlaqliq biex insib il-kelma. Kapaċi nuża l-lingwa b'mod flessibbli u effettiv għal skopijiet soċjali u professjonali. Kapaċi nifformula ideat u opinjonijiet bi preċiżjoni u norbot b'sengħa l-kontribut tiegħi ma' dawk ta' kelliema oħra.
- C 2:** Kapaċi nipparteċipa bla edba sforz żejjed f'kull konverżazzjoni jew diskussjoni u jkolli ħakma tajba ta' l-espressjonijiet idjomatiċi u tal-lingwa mitkellma. Kapaċi nesprimi ruħi b'mod mexxej u nagħti tifsiriet preċiżi ħafna billi nirristruttura b'mod li ħadd ma jinduna. Jekk insib xi problema naf insib tarfha.

Taħdit Produttiv

- A 1:** Kapaċi nuża frażijiet u sentenzi sempliċi biex niddeskrivi fejn noqgħod u n-nies li naf
- A 2:** Kapaċi nuża serje ta' frażijiet u sentenzi biex niddeskrivi b'mod sempliċi, il-familja u nies oħra, il-kundizzjonijiet ta' għijxien, l-edukazzjoni tiegħi u l-impjieg preżenti u l-aktar reċenti.
- B 1:** Kapaċi ngħaqquad frażijiet b'mod sempliċi biex niddeskrivi esperjenzi u avvenimenti, il-ħolm tiegħi, ix-xewqat u l-ambizzjonijiet tiegħi. Kapaċi nagħti raġunijiet u spjegazzjonijiet fil-qosor u nispijega opinjonijiet u pjanijiet. Naf ngħid storja jew nitkellem dwar in-nisġa ta' ktieb jew ta' film u niddeskrivi r-reazzjonijiet tiegħi.
- B 2:** Kapaċi niddeskrivi b'mod ċar u dettaljat firxa wiesgħa ta' suġġetti relatati ma oqsma li jinteressawni. Kapaċi nispijega l-opinjoni tiegħi dwar il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' argumenti varji.
- C 1:** Kapaċi nagħti deskrizzjonijiet ċari u dettaljati ta' suġġetti kumplessi u ninkorpora temi sekondarji niżviluppa partikolari u nagħlaq b'mod adattat.
- C 2:** Kapaċi noffri deskrizzjoni jew argument b'mod ċar u mexxej fl-istil xieraq għall-kuntest u bi struttura effettiva u loġika li tgħin lis-semmiegħ biex jagħraf u jiftakar il-punti l-aktar importanti.

Il-kitba

- A 1:** I Kapaċi nikteb kartolina fil-qosor u b'mod sempliċi biex nibgħat tisljiet meta nkun bi btala. Nista' nimla formoli b'dettalji personali bħal ismi, in-nazzjonalità u l-indirizz fuq formola ta' reġistrazzjoni f'lukanda.
- A 2:** Kapaċi nikteb noti u messaġġi qosra u sempliċi. Kapaċi nikteb ittra sempliċi u personali biex niringrazzja lil xi ħadd għal xi ħaġa.
- B 1:** Kapaċi nikteb test sempliċi u stilistikament konness dwar interessi familjari u personali. Kapaċi nikteb ittri personali li jiddeskrivu esperjenzi u impressjonijiet.
- B 2:** Kapaċi nikteb b'mod dettaljat u ċar fuq suġġetti relatati ma' l-interessi tiegħi. Kapaċi nikteb esej jew rapport fejn nagħti informazzjoni u raġunijiet biex insaħħaħ jew nikkontradixxi opinjoni partikolari. Kapaċi nikteb ittri u nagħmel enfasi fuq l-importanza personali ta' avvenimenti u esperjenzi.
- C 1:** Kapaċi nesprimi ruħi b'testi ċari u strutturati u li jesprimu opinjonijiet fit-tul. Kapaċi nikteb dwar suġġetti kumplessi f'ittra, esej jew f'rapport u nagħmel enfasi dwar x'inqis li jkunu l-punti ewlenin. Kapaċi nagħżel stil tajjeb għall-qarrej konċernat.
- C 2:** Kapaċi nikteb test ċar u mexxej bi stil adattat. Kapaċi nikteb ittri kumplessi, rapporti jew artikli li jippreżentaw każ, bi struttura effettiva u loġika li tgħin lill-qarrej jinnota u jiftakar l-punti mportanti. Kapaċi nikteb taqsiriet u xogħlijiet professjonali jew letterarji.

Il-grid ta' awtoassessjar hu aċċessibbli mis-sit tal-Kunsill ta' l-Ewropa taħt (www.coe.int/portfolio).

Notamenti:

- jekk għandek ċertifikat li juri l-kompetenza tiegħek (bħal -TOEIC- eżami ta' l-Ingliż għall-komunikazzjoni internazzjonali) indika l-livell u d-data meta ġie miksub;
- m'għandekx tagħmel stima ogħla tal-livell li jista' jiġi ivverifikat jekk tiġi ntervistat!

<p>Ħiliet u Kompetenzi Soċjali (ħalli barra jekk mhux rilevanti)</p>	<p>Fuqhiex qiegħdin nitkellmu?</p> <p>Ħiliet u kompetenzi soċjali jirreferu għar-relazzjoni fix-xogħol u l-għixien ma' nies oħra, f'impjegji fejn il-komunikazzjoni hi mportanti u sitwazzjonijiet fejn it-teamwork hu essenzjali (per eżempju fil-kultura u l-isports), f'ambjent multikulturali, eċċ.</p> <p>Iddeskrivi l-ħiliet u l-kompetenzi soċjali tiegħek, per eżempju:</p> <ul style="list-style-type: none"> - team spirit; - abbilta' tajba li ksibt mill-esperjenza ta' xogħol ta' barra minn Malta li tgħinek taddatta ruħek ma' ambjent multikulturali; - ħiliet komunikattivi li ksibt mill-esperjenza tiegħi bħala sales manager. <p>Speċifika f'liema kuntest inkisbu (mit-taħriġ, xogħol, seminars, xogħol volontarju jew minn attivitajiet ta' passatemp, eċċ.)</p>
<p>Ħiliet u kompetenzi organizzattivi (ħalli barra jekk mhux rilevanti)</p>	<p>Fuqhiex qiegħdin nitkellmu?</p> <p>Ħiliet u kompetenzi organizzattivi jirreferu għall-koordinazzjoni u amministrazzjoni ta' nies proġetti u budgets; fix-xogħol, f'xogħol ta' volontarjat (per eżempju kultura u sports) u fid-dar, eċċ..</p> <p>Iddeskrivi l-ħiliet u l-kompetenzi organizzattivi tiegħek, per eżempju:</p> <ul style="list-style-type: none"> - tmexxija (preżentement jien responsabbli għal tim ta' għaxra minn nies); - sens ta' organizzazzjoni esperjenza fil-loġistika); - esperjenza fl-immaniġġjar ta' gruppi ta' nies. <p>Speċifika f'liema kuntest inkisbu (mit-taħriġ, xogħol, seminars, xogħol volontarju jew minn attivitajiet ta' passatemp eċċ.)</p>
<p>Ħiliet u kompetenzi tekniċi (ħalli barra jekk mhux rilevanti)</p>	<p>Fuqhiex qiegħdin nitkellmu?</p> <p>Ħiliet u kompetenzi tekniċi jirreferu ħila fl-użu ta' tagħmir, makkinarju eċċ. barra minn kompjuters jew ħiliet u kompetenzi tekniċi f'qasam partikolari (industrija tal-manifattura, saħħa, qasam bankarju, eċċ.).</p> <p>Iddeskrivi l-ħiliet u l-kompetenzi tekniċi li għandek, per eżempju:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Midħla sew ta' proċessi ta' kontroll tal-kwalita' (kont responsabbli fid-dipartiment tiegħi għall-implementazzjoni ta' verifika tal-kwalita'); <p>Speċifika f'liema kuntest inkisbu (mit-taħriġ, xogħol, seminars, xogħol volontarju jew minn attivitajiet ta' passatemp, eċċ.)</p>
<p>Ħiliet fl-użu tal-komputer u kompetenzi (ħalli barra jekk mhux rilevanti)</p>	<p>Fuqhiex qiegħdin nitkellmu?</p> <p>Ħiliet u kompetenzi fl-użu tal-kompjuter jirreferu għall-word processing u applikazzjonijiet oħra, 'database searching', konoxxenza tal-internet, ħiliet avvanzati (iprogrammar, eċċ.).</p> <p>Iddeskrivi l-ħila tiegħek fl-użu tal-kompjuter u l-kompetenzi li għandek, per eżempju:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Midħla sew tal-Microsoft office™ (Word™, Excel™ u PowerPoint™); - Konoxxenza bażika ta' graphic design applications (Adobe Illustrator™, PhotoShop™). <p>Speċifika f'liema kuntest inkisbu (mit-taħriġ, xogħol, seminars, xogħol volontarju jew minn attivitajiet ta' passatemp, eċċ.)</p>

<p>Ħiliet u kompetenzi artistiċi (ħalli barra jekk mhux rilevanti)</p>	<p>Identifika l-ħiliet u l-kompetenzi artistiċi tiegħek li għalik huma ta' valur (mużika; kitba; disinn; eċċ.) per eżempju: Xogħol fl-injam Speċifika f'liema kuntest inkisbu (mit-taħriġ, xogħol, seminars, xogħol volontarju jew minn attivitajiet ta' passatemp, eċċ.)</p>
<p>Ħiliet u kompetenzi oħra (ħalli barra jekk mhux rilevanti)</p>	<p>Identifika ħiliet u kompetenzi oħra li huma ta' valur u li ma kienux imsemmija qabel taħt titli oħra (passatemp, sports, pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fil-qasam tal-volontarjat) per eżempju: trekking Speċifika f'liema kuntest inkisbu (mit-taħriġ, xogħol, seminars, xogħol volontarju jew minn attivitajiet ta' passatemp, eċċ.)</p>
<p>Liċenzja tas-sewqan (ħalli barra jekk mhux rilevanti)</p>	<p>Hawn indika jekk għandek liċenzja tas-sewqan u jekk iva, indika għal liema kategorija ta' vettura, per eżempju: Kategorija B</p>
<p>Informazzjoni oħra (ħalli barra jekk mhux rilevanti)</p>	<p>Indika hawn xi nformazzjoni oħra li hi rilevanti (publikazzjonijiet jew riċerka; membru f'xi organizzazzjoni professjonali, informazzjoni militari (jekk tqisa mportanti, indika li temmejt is-servizz militari), l-istat matrimonjali tiegħek (jekk tqis dan importanti li jiġi speċifikat), persuni li jistgħu jiġu kkuntattjati jew ismijiet ta' nies bħala referenza (isem, titlu ta' l-impjeg, indirizz jistgħu jiġu kkuntattjati, ara n-nota hawn taħt), per eżempju: Publikazzjonijiet Artiklu: Molecular characterisation of a H3o-loaded brain cell, Immunology Quarterly, New York, 02/2002. Notamenti:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Tagħtix l-indirizz ta' persuna li tajt bħala referenza mingħajr il-kunsens formali tiegħu/tagħha; hu preferibbli li tikteb 'Ir-referenzi jkunu preżentati meta mitluba' biex ma tgħabbix l-curriculum vitae b'informazzjoni żejda; - Fejn applikabbli, ipprovdj deskrizzjoni qasira tal-publikazzjonijiet jew riċerka tiegħek, speċifika t-tip ta' dokument (teżi, artikli, rapporti, eċċ.)
<p>Annessi (ħalli barra jekk mhux rilevanti)</p>	<p>Agħmel lista ta' dokumenti memhuża, per eżempju:</p> <ul style="list-style-type: none"> - kopji tad-diploma tal-lawrija u kwalifiki oħra, inklużi xi ċertifikati li nagħtaw fit-tmiem ta' korsijiet ta' taħriġ u li ma wasslux għall-kwalifika formali; - ċertifikat maħruġ mingħand min iħaddem jew ċertifikat li juri t-tip ta' xogħol fejn ġejt assenjat; - publikazzjonijiet jew riċerka, eċċ. <p>Notamenti:</p> <ul style="list-style-type: none"> - aġħmel lista loġika, lista ta' dokumenti: mehmuża (per eżempju; poġġi diplomi jew ċertifikati maħruġa minn min iħaddmek flimkien, jekk hemm bżonn innumerhom) biex tgħin lil-qarrej; - qatt tibgħat l-oriġinali ta' diploma jew ċertifikati ta' kwalifiki għax jistgħu jintilfu, fotokopji huma suffiċjenti.